MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Kongunt Numru. 88/2012

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta’ Awissu 2001;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-partijiet ipprezentaw l-affidavits rispettivi taghhom;

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 17 ta' Settembru 2004;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi l-partijiet huma kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------